MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 22/2007

Giuseppa armla ta’ Pawlu Grech
F’isimha proprju u bħala mandatarja
Tal-imsefrin uliedha Regina mart Charlie Testa,
Salvina mart Jimmy Gabarias,
Rose mart Joseph u John Grech,
Kif ukoll bħala mandatarja ta’ Paul, Jason u Tony
Aħwa Sciberras ulied il-mejjet binha Paul Grech,
Ta’ 6, Triq Strickland, Qala, Ghawdex.

vs

Grezzja sive Zolla Portelli

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi proprio et nomine, wara li ppremettiet illi:

1. Illi hija proprio et nomine tikri lill-intimata t-terran bin-numru tmenin (80), Triq il-Kuncizzjoni, Qala, Għawdex bil-kera ta' ħames liri (LM5) fis-sena li jitħallsu fit-tmienja (8) ta' Diċembru ta' kull sena u b'lura, liema terran huwa aċċessibbli minn bieb prinċipali li qiegħed fuq it-triq u li jagħti għal entrata li hija proprjeta' tal-istess rikorrenti proprio et nomine u li mill-istess entrata r-rikorrenti proprio et nomine tgħaddi għat-taraġ li jagħti għall-meżżanin fis-sular ta' fuq li huwa proprjeta' u fil-pussess tal-istess rikorrenti proprio et nomine;

2. Illi persistentement l-istess intimata dejjem tiġbor, tgeddes u titfa' kull xorta u għamla ta' żibel, skart u oġġetti oħra, bħal għamara qadima w oġġetti fl-istess entrata b'tali mod u manjiera illi din l-entrata bit-taraġ kontinwament ikun kollu ingumbrat u r-rikorrenti bl-ebda mod ma tkun tista' tgħaddi minn din l-entrata u t-taraġ għas-sular ta' fuq u dana oltre l-perikolu kbir ta' iġene u għas-saħħa pubblika li dan iż-żibel, skart u materjal u oġġetti oħra jikkrejaw;

3. Illi l-esponenti proprio et nomine ilha żmien tinsisti mal-intimata biex tnaddaf l-istess entrata u t-taraġ u tħallihom liberi mingħajr ebda xkiel jew ingombru ieħor iżda kollu inutilment u għalhekk hija proprio et nomine kienet kostretta li tipproċedi kontra l-istess intimata bil-ħruġ tal-opportun mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet : **"Grech Giuseppa proprio et nomine –vs-Portelli Grezzja sive Zolla"** (Mandat ta' Inibizzjoni numru : 5/2007;

4. Illi dina l-Onorabbli Qorti bid-digriet tagħha tad-disgħa (9) ta' Frar 2007, laqgħet it-talba tal-istess rikorrenti proprio et nomine għal ħruġ tal-istess opportun mandat ta' Inibizzjoni pero' limitatament għat-tfigħ ta' żibel, mbarazz, skart u materjal ieħor fl-istess entrata.

Talbet lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-istess intimata m'għandha l-ebda dritt li titfa' żibel, mbarazz, skart u materjal ieħor fl-istess entrata, fit-taraġ li jikkonduċi għas-sular ta' fuq tal-fond bl-entrata prinċipali bin-numru tmenin (80), Triq il-Kunċizzjoni, Qala, Għawdex kif ukoll fl-ambjenti ta' madwarha;

2. Konsegwentament tinibixxi lill-istess konvenuta milli titfa' żibel, mbarazz, skart u materjal, inkluż tpoġġi għamara w oġġetti oħra fl-istess entrata u bl-ambjenti ta' madwar din l-entrata u taraġ li jagħti għat-terran li flimkien mal-meżżanin għandhom bieb komuni bin-numru tmenin (80), Triq il-Kunċizzjoni, Qala, Għawdex);

3. Tipprefiġġi terminu ta' żmien qasir u perentorju sabiex il-konvenuta tiġi ordnata wkoll li tneħħi żibel, imbarazz, skart u materjal ieħor, inkluż għamara w oġġetti oħra minn din l-istess entrata, taraġ u ambjenti ta' madwarhom;

4. u f'każ li l-istess żmien jgħaddi inutilment għaliex l-istess rikorrenti proprio et nomine m'ghandhiex tiġi awtorizzata li tneħħi hija stess l-istess żibel, skart, imbarazz u materjal ieħor, inkluż għamara w oġġetti oħra minn din l-entrata, taraġ u l-ambjenti ta' madwarhom u dana għas-spejjeż tal-istess intimata u, okkorrendo, bl-għajnuna ta' marixxal ta' dina l-Onorabbli Qorti, jekk ikun hemm il-ħtieġa.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' Inibizzjoni Numru : 5/2007 fl-ismijiet: "Ġiuseppa Grech proprio et nomine –vs- Grezzja sive Zolla Portelli" dekretat fis-26 ta' Jannar, 200-7 u bl-inġunzjoni tal-istess intimata għas-subizzjoni li għaliha minn issa hija imħarrka.

B'riserva għal tal-azzjoni għad-danni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta li eċċepiet illi:

1. Illi l-konvenuta taċċetta li hija m'għandhiex dirtt li tingombra l-entrata u t-taraġ mertu ta' din il-kawża,

pero’ ma tistax tifhem x’inhuma “l-ambjenti ta’ madwarhom” li l-atturi qed jitolbu wkoll li l-konvenuta ma tpoġġi l-ebda oġġetti fihom.

2. Illi fil-fatt, wara li sar il-mandat ta’ inibizzjoni kontra tagħha bin-numru 5/2007, u qabel ma ġiet preżentata l-kawża odjerna, il-konvenuta neħħiet l-oġġetti kollha tagħha li kien hemm fl-istess entrata u taraġ. Dan minkejja li ma ġietx ordnata biex tagħmel dan fid-degriet ta’ l-istess mandat.

3. Illi għal hekk din il-kawża saret inutilment fil-konfront tagħha.

4. Illi konsegwentement, il-konvenuta ma topponix għall-ewwel u t-tieni talba ta’ din il-kawża, b’dan pero’ li “l-ambjenti ta’ madwar din l-entrata” riferuti fil-kawża jkunu jikkonsistu biss f’tali ambjenti li jservu ta’ aċċess għall-proprjeta’ posseduta mill-atturi fis-sular ta’ fuq tal-fond bl-entrata prinċipali numru tmenin (80) Triq il-Kunċizzjoni, Qala, Għawdex. Hija tixtieq tagħmilha ċara fi kwalunkwe każ li dawn id-dikjarazzjonijiet u ordnijiet ma hemmx għalfejn isiru fil-konfront tagħha, għaliex il-konvenuta rregolat il-pożizzjoni tagħha minn qabel ma ġiet preżentata l-kawża odjerna.

5. Illi proprju wkoll peress li l-konvenuta ilha li rregolat il-pożizzjoni tagħha, hija topponi għat-tielet u r-raba’ talbiet u ssostni li dawn saru inutilment.

6. Illi konsegwentement ukoll, peress li din il-kawza saret inutilment, hija topponi milli tiġi kundannata tħallas xi spejjeż relatati magħha.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat il-verbal tagħha ta' l-14 ta’ Marzu 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 5/2007 fl-istess ismijiet dekretat minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar 2007.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi proprio et nomine qed titlob li l-konvenuta tiġi ordnata tneħħi ż-żibel, skart, imbarazz u materjal ieħor li għandha fl-entrata komuni għall-fond mikri lilha u dak proprjeta' ta' l-attriċi proprio et nomine fi Triq il-Kunċizzjoni, l-Qala, Għawdex, it-taraġ li jikkonduċi mill-istess entrata għall-fond f'idejn l-attriċi u l-inħawi ta' madwarhom. Din il-proċedura kienet ġiet preċedura b'Mandat ta' Inibizzjoni fejn il-konvenuta preżenti kienet ġiet miżmuma milli titfa materjal bħal dan fl-istess entrata.[1]

Mir-ritratti esebiti fl-atti ta' dan il-Mandat jidher it-tip ta' imbarazz illi kien ġie depożitat fl-entrata in kwistjoni. Qatt ma ġie miċħud illi dan kien tqiegħed hemm mill-konvenuta. Anzi dan tammettieh hi stess fir-Risposta ġuramentata tagħha. Issostni biss illi dan il-materjal kienet neħħietu qabel ma ġiet ippreżentata l-kawza u ghalhekk din saret inutilment. Imma mid-depożizzjoni tax-xhieda prodotti fil-kawża, rriżulta illi dan il-materjal kien tneħħa in segwitu għall-preżentata ta' din il-kawża u mhux qabel.[2] Irriżulta madankollu illi xi ftit taż-żmien wara l-konvenuta reġghet xeħtet ħafna materjal ieħor b'tali mod li mblokkat l-aċċess li l-attriċi kellha għall-proprjeta' tagħha minn din l-entrata u dan il-materjal baqa' hemm sakemm din il-kawża tħalliet għas-sentenza.[3]

Il-konvenuta ma tista' tippretendi li għandha ebda raġun f'dan l-aġir irrisponsabbli tagħha, li bih qed tfixkel lill-attriċi proprio et nomine fl-eżerċizzju tad-drittijiet ta' proprjeta' tagħha, apparti l-perikolu għas-saħħa li din l-

---

[1] Ara atti tal-Mandat ta' inibizzjoni nru. 5/2007 quddiem din il-Qorti

[2] ara xhieda ta' Dr. Anton Refalo a fol. 13 - 14 u ta' P.S. 187. Mario Cassar a fol. 15 - 17

[3] ara okkorrenza tal-Pulizija esebita a fol. 29 u depożizzjoni ta' l-attrici a fol. 18 - 24 u Consiglia Buttigieg a fol. 25 - 27

akkumulazzjoni ta' imbarazz tista' tikkaġuna, u għalhekk it-talbiet attriċi huma ġustifikati.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. Tididkjara illi l-konvenuta m'għandha l-ebda dritt li titfa' żibel, imbarazz, skart u materjal ieħor fl-entrata li tagħti għat-taraġ li jikkonduċi għas-sular ta' fuq tal-fond li jġib in-numru tmenin (80) fi Triq il-Kunċizzjoni, l-Qala, Għawdex, kif ukoll fl-ambjenti ta' madwarhom;
2. Konsegwentement tinibixxi lill-istess konvenuta milli titfa' żibel, imbarazz, skart u materjal ieħor, inkluż tpoġġi għamara u oġġetti oħra fl-istess entrata u fl-ambjenti ta' madwar din l-entrata u taraġ ;

3. Tordna lill-konvenuta sabiex fi żmien ħmistax (15) il-jum minn din is-sentenza tneħħi l-istess żibel u materjal ieħor minn din l-entrata, taraġ u ambjenti ta' madwarhom; u

4. fin-nuqqas tawtorizza lill-attriċi proprio et nomine sabiex tagħmel dan hija stess, okkorrendo bl-għajnuna tal-Marixxall tagħha, u a spejjeż tal-konvenuta.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 5/2007 fl-ismijiet : "Giuseppa Grech proprio et nomine vs Grezzja sive Zolla Portelli" dekretat fid-9 ta' Frar 2007, kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------